Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/2014AE

**Avukat Generali**

**Vs**

**Nutar Dotto Hugh Grima LL.D.**

Il-Gimgha, 8 ta' April 2016.

L-Avukat Generali (appellant) appella minn decizjoni li nghatat mill-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili tat-22 ta' Jannar 2014. L-appellant isostni li l-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili kellha timponi s-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 124 tal-Kap. 55, u cjoe' l-inabilitazzjoni parzjali tan-nutar wara li naqas milli jipprezenta nota ta' inisinwa fit-terminu kontemplat mil-ligi fir-rigward ta' kuntratt ta' bejgh pubblikat fit-30 ta' Lulju 2012. Il-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Att Nutarili taqra hekk:-

*"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lin-Nutar Dottor Hugh Grima hati ta' ksur tal-Artikolu 50 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma pprezentax in-nota relattiva ghal kuntratt ta' bejgh minnu ppubblikat fit-30 ta' Lulju 2012 indikat fil-kwerela, entro t-terminu ta' hmistax (15) il-jum mid-data tal-istess att, kif ukoll hati ta' disprezz tal-awtorita' taghha w, wara li rat l-artikoli 50, 124, 125, 128(1)(b) u 131(4) tal-Kap. 55 u l-art 19(4) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta:-*

1. *Tikkundanna lill-istess Nutar ghall-ammenda ta' ghaxar Euro (E10).*
2. *Tordna lill-istess Nutar fi zmien tletin (30) jum mil-lum jaghmel dak kollu li hu xehed bil-gurament li fadallu jaghmel biex tkun tista' tingabar u tithallas lill-erarju pubbliku kull taxxa dovuta fuq l-imsemmi att pubbliku tat-30 ta' Lulju 2012 u biex l-istess att pubbliku ikun jista' jigi insinwat u fil-fatt jigi hekk insinwat.*
3. *Tordna lill-Ufficjal Revizur Dottor Louis Vella LL.D. li jivverifika jekk l-ordni taht il-paragrafu 2 giex esegwit u entro t-terminu ta' tletin (30) jum fuq imsemmi w li jirraporta b'nota lil din il-Qorti fi zmien jumejn (2), wara l-iskadenza tat-tletin (30) jum jekk l-ordni ikunx gie ezegwit jew le.*
4. *Fl-ahhar nett issib lill-imsemmi Nutar hati ta' disprezz tal-awtorita taghha meta ma wettaqx dak lilu ordnat bid-Digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2014 b'mod li jitfa' dawn ferm ikrah fuq il-veracita' tan-Nota tieghu tat-8 ta' Jannar 2014 u tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin Ewro (€50).*

*Tirrizerva wkoll li tghaddi ghall-provvedimenti ulterjuri, jekk ikun il-kaz, wara li tircievi r-rapport tal-Ufficjal Revizur Dottor Louis Vella imsemmi fil-paragrafu 3 supra, inkluz dik tal-inabilitazzjoni parzjali skond il-Ligi".*

Jirrizulta li fil-25 ta' Marzu 2015 l-istes Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutariali tat decizjoni li biha ordnat l-inabilitazzjoni parzjali tal-istess Nutar mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu ghal zmien sitt (6) xhur jew sakem jirregolarizza l-posizzjoni tieghu bl-insinwar tal-kuntratt li ppubblika fit-30 ta' Lulju 2012, wara li mir-rapport tal-ufficjal revizur Dr Louis Vella kien irrizulta li l-appellat naqas milli jaghmel dak li kellu jaghmel fit-terminu ta' 30 gurnata mid-data tad-decizjoni.

Hu ghalhekk evidenti li llum il-meritu tal-appell hu ezawrit. Madankollu fadal il-kap tal-ispejjez. Fil-fehma tal-qorti l-appell sar bla bzonn. Fid-decizjoni tat-22 ta' Jannar 2014 jinghad car u tond li l-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili rrizervat li taghti kull provvediment ulterjuri ***".... inkluz dik tal-inabilitazzjoni parzjali skond il-Ligi,"*** wara li tircievi r-rapport tal-ufficjali revizur. Ghalhekk id-decizjoni li nghatat fit-22 ta' Jannar 2014 ma kinitx finali ghal dak li jirrigwarda sanzjoni. Fil-fatt wara li rrizulta li l-appellat naqas milli jwettaq l-ordni tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili, giet imposta fuqu s-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 124 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemmx dubju li dik il-qorti pprocediet ezattament bil-mod li jikkontempla l-Artikolu 124 tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fic-cirkostanzi:-**

1. **Tiddikjara ezawrit il-meritu tal-appell.**
2. **Tordna li spejjez tar-rikors tal-appell ghandhom jibqghu a karigu tal-appellant**.

Anthony Ellul.